# Il-wegħdi politiċi jirbħu fuq il-fatti xjentifiċi

## BirdLife Malta tinsisti li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni xjentifika għal staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2017

BirdLife Malta tinsisti li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni xjentifika għal staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2017.

Illum il-Gvern ħabbar l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2017 li din is-sena se jiftaħ biss għas-Summien minħabba li hemm moratorju fuq il-kaċċa għall-Gamiem. Is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali għażel li jaċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha li sarulu mill-kumitat Ornis fl-1 ta' Frar, u l-istaġun se jiftaħ mis-Sibt 25 ta' Marzu sal-Ġimgħa 14 t'April minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. Il-kwota komplessiva għall-kaċċa fir-rebbiegħa tal-2017 hija ta' 5,000 Summiena. Il-kwota ta' għasafar li persuna liċenzjata tista' taqbad hija ta' ħames Summiniet f'ġurnata waħda u ta' għaxar Summiniet tul l-istaġun kollu.

Kif iddikjarat dakinhar li saret ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat Ornis, BirdLife Malta terġa' tinsisti li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għax l-istudji kkummissjonati u mħallsin mill-gvern stess juru li fil-ħarifa jgħaddi biżżejjed Summien tul l-ewwel xahrejn tal-istaġun tal-kaċċa. Aktar minn hekk, il-prinċipju ewlieni tal-konservazzjoni li l-għasafar li jkunu qed ipassu lejn l-Ewropa fi triqithom biex ibejtu m'għandhomx jinqatlu, jibqa' r-raġuni prinċipali wara din il-pożizzjoni ta' BirdLife Malta.

Hija ħasra li għal darba oħra l-wegħdi politiċi qed jingħataw prijorità sew fuq dawn il-fatti xjentifiċi kif ukoll fuq dan il-valur importanti tal-konservazzjoni li t-tnejn huma prova ċara għalfejn staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq is-Summien mhuwiex ġustifikat.

Il-vot ta' BirdLife Malta fil-laqgħa tal-kumitat Ornis tal-1 ta' Frar kien l-uniku wieħed kontra l-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fl-2017. Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), u ż-żewġ rappreżentanti indipendenti magħżulin mill-Gvern flimkien maċ-Chairman tal-kumitat Ornis kollha vvutaw favur.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
L-istqarrija maħruġa minn BirdLife Malta wara r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis: http://birdlifemalta.org/wp-content/uploads/2017/02/2017.02.02-Reazzjoni-ghar-rakkomandazzjoni-tal-Ornis-fuq-stagun-tal-kacca-fir-rebbiegha-fl-2017.pdf

It-tħabbir tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa mill-Gvern:
https://www.gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2017/February/21/PR170410.aspx

**Ritratti:**
1. Summiena maqtula waqt l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa (Ritratt ta' Lars Soerink)
2. Summien maqtul minn kaċċaturi (Ritratt ta' Lars Soerink)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna